newsbook.com.mt

LOKALI

# Trasport b’xejn għall-anzjani u persuni b’diżabilità f'Bormla

*Christoph Schwaiger - 01/11/17 07:19 PM*






Il-Ministru għat-Trasport Ian Borg inawgura t-tnedija tal-proġett *Bormla Inter-city Transport* li se joffri trasport mingħajr ħlas lill-anzjani u lill-persuni

b’diżabilità f’din il-lokalità.

Il-Ministru spjega li dan it-trasport se jsir bl-użu ta’ vetturi elettriċi.

Borg faħħar lill-Kunsill, li ħareġ b’din l-inizjattiva innovattiva u soċjali, u qal li jħossu sodisfatt meta jara proġetti bħal dawn imwettqa, li jgħinu lil gruppi mis-soċjetà li għandhom bżonn l-għajnuna.

Fi kliem il-Ministru Borg, dan il-proġett se jkun qiegħed jgħin lil Malta biex il-pajjiż jersaq aktar viċin tal-mira ta’ 5,000 vettura elettrika sal-2020.

Huwa kkonkluda d-diskors tiegħu billi saħaq dwar l-importanza tal-użu ta’ modi alternattivi oħra bħall-mixi, iċ-ċikliżmu, u t-trasport pubbliku.

Is-Sindku Alison Zerafa Civelli spjegat li l-Kunsill Lokali kien issottometta applikazzjoni taħt il-Ġimgħa Ewropea għall-Mobilità, liema applikazzjoni ġiet aċċettata. Stqarret li l-Kunsill ingħata €60,000 f’fondi mill-Ministeru għat-Trasport u l-Kunsill żied €12,000 sabiex xtara żewġ vetturi li jaħdmu bl-elettriku.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali Silvio Parnis feraħ lill-Kunsill ta’ Bormla talli se jkun qiegħed joffri dan is-servizz ta’ transport.

*Ritratti: DOI - Omar Camilleri*

Share on Facebook Share on Twitter